C/2025/507

23.1.2025

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni ta' approvazzjoni ta' emenda standard tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal isem fis-settur tal-inbid imsemmija fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2025/507)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

Colli Maceratesi

PDO-IT-A0443-AM02

Data tal-komunikazzjoni: 24.10.2024

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. **Tip Colli Maceratesi Ribona Riserva**

Deskrizzjoni: Introduzzjoni tat-tip Ribona Riserva.

Raġuni: Il-Colli Maceratesi Ribona mhijiex eċċezzjoni u t-tradizzjoni tiegħu qed tevolvi wkoll fis-sens li issa hemm talba biex jiġu stabbiliti regoli għal tip ġdid ta' nbid ikkaratterizzat minn perjodu ta' tqaddim itwal, qawwa alkoħolika ogħla u profil sensorjali b'aromi kumplessi u terzjarji, li jagħtuh valur miżjud f'termini ta' karatteristiċi organolettiċi, abbażi ta' noti ta' minerali u ħxejjex aromatiċi mnixxfin bħall-kamumilla, it-te, is-salvja u l-klin, minbarra t-togħma prodotta mill-kontenut ta' aċidità naturali tal-għeneb li jirfed it-togħma distintiva tal-inbid. It-talba għal dan it-tip "Riserva" għandha l-għan immedjat u strateġiku li jiġu kkummerċjalizzati bl-aħjar mod il-ħafna nbejjed Ribona, li ilhom jinbiegħu għal snin sħaħ wara perjodu ta' tqaddim konsiderevoli, u li għandhom kwalitajiet sensorjali differenti ħafna mill-inbejjed żgħar Ribona li jinxtorbu ftit xhur wara l-ħsad, billi dawn l-inbejjed jiġu rikonoxxuti u kklassifikati uffiċjalment. Dawn l-inbejjed Riserva huma r-riżultat tar-rikonoxximent kummerċjali u xjentifiku tal-kapaċità li l-inbid magħmul mill-għeneb Ribona għandu, li jitjieb bit-tqaddim, li dejjem iddistingwietu, bħall-varjetajiet relatati mill-qrib Verdicchio u Pecorino.

L-emenda tikkonċerna l-Artikoli 1 sa 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u t-taqsimiet 4 u 5.2 tad-dokument uniku.

2. **Tip Colli Maceratesi Ribona Riserva Spumante**

Deskrizzjoni: Introduzzjoni tat-tip Colli Maceratesi Ribona Riserva Spumante [riserva frizzanti].

Raġuni: L-inbid frizzanti ġeneriku diġà huwa inkluż fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott attwali; iż-żieda tal-varjetà Ribona tagħmilha rikonoxxibbli b'mod ċar u inkontestabbli u tispeċifika b'mod ċar l-oriġini tal-għeneb użat biex isir l-inbid frizzanti, u b'hekk ittejjeb l-ispeċifiċità tat-tikketta u tindika b'mod ċar il-varjetà tal-għeneb lill-konsumatur. Iż-żieda tat-tip "Riserva" ttejjeb il-kwalità tal-inbid spumanti kif perċepit mill-konsumatur u żżomm il-produtturi responsabbli għal livell għoli ta' kwalità.

L-emenda tikkonċerna l-Artikoli 1 sa 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u t-taqsimiet 4 u 5.2 tad-dokument uniku.

3. **Tip Colli Maceratesi Rosso Novello**

Deskrizzjoni: Jitneħħa t-tip Colli Maceratesi Rosso Novello [aħmar ġdid].

Raġuni: Il-kwalità tal-karatteristiċi sensorjali mhijiex eċċezzjonali u hemm kompetizzjoni kummerċjali bla skop ma' prodotti Novello Taljani oħra.

L-emenda tikkonċerna l-Artikoli 1 sa 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u t-taqsimiet 4 u 5.2 tad-dokument uniku.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

4. **Tip Ribona Spumante**

Deskrizzjoni: It-terminu “asciutto” [xott] fid-deskrizzjoni tat-togħma ġie sostitwit bil-kliem “da dosaggio zero a brut” [minn dożaġġ żero għal brut].

Raġuni: Din il-bidla tirrifletti l-karatteristiċi attwali tal-prodott.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 6 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u t-taqsima 4 tad-dokument uniku.

5. **Indikazzjonijiet tal-inbid Passito**

Deskrizzjoni: Regoli dwar il-produzzjoni tal-inbid u t-tqaddim.

Raġunijiet: Dawn huma aġġustamenti għall-prattiki enoloġiċi użati biex l-inbejjed jingħataw il-karatteristiċi distintivi tagħhom.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 5 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u ma taffettwax id-dokument uniku.

6. **Tikkettar u preżentazzjoni**

Deskrizzjoni: Skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, it-terminu “Vigna” u/jew l-isem taż-żona ġeografika usa’ “Marche”, li fiha tinsab iż-żona tal-produzzjoni tad-DOP, issa jistgħu jiżdiedu mat-tikketta.

Raġuni: L-emenda tippermetti li tingħata informazzjoni preċiża dwar l-oriġini ġeografika tal-inbejjed bid-DOP Colli Maceratesi.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 7 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u t-taqsima 9 tad-dokument uniku.

7. **Tikkettar u preżentazzjoni**

Deskrizzjoni: Ġie speċifikat li ż-żieda ta’ kwalunkwe deskrizzjoni għajr dawk espressament previsti fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott hija pprojbita, inklużi l-aġġettivi “fine” [fin], “scelto” [magħżul], “selezionato” [magħżul] u simili.

Raġunijiet: It-termini pprojbiti ġew speċifikati b’mod aktar ċar.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 7 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u ma taffettwax id-dokument uniku.

8. **Imballaġġ u preżentazzjoni**

Deskrizzjoni: Żdiedet l-għażla li jintużaw formati speċjali għal skopijiet promozzjonali.

Raġuni: B’din il-bidla t-test jiġi konformi mal-leġiżlazzjoni.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u ma taffettwax id-dokument uniku.

9. **Imballaġġ u preżentazzjoni**

Deskrizzjoni: Ma jistgħux jintużaw kapsuni u tappijiet b’pull ring.

Raġuni: B’din il-bidla t-test jiġi konformi mal-leġiżlazzjoni.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u ma taffettwax id-dokument uniku.

10. **Informazzjoni dwar il-korp ta’ kontroll**

Deskrizzjoni: Bidla fl-uffiċċju rreġistrat tal-korp ta’ kontroll Valoritalia s.r.l..

Raġunijiet: L-indirizz inbidel.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 10 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u ma taffettwax id-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Colli Maceratesi

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP – Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

5. Inbid frizzanti ta' kwalità

3.1. *Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda*

— 22 – XARBIET, SPIRTI U ĦALL

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

4. **Deskrizzjoni tal-inbejjed**

1. *Colli Maceratesi Bianco*

DESKRIZZJONI QASIRA

Colli Maceratesi Bianco [abjad]: Dehra viżiva: isfar ċar lewn it-tiben; Riħa: delikata, pjaċevoli, armonjuża; Togħma: xotta, armonjuża;

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,00 %;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 16 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: 4,50 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

2. *Colli Maceratesi Bianco Passito*

DESKRIZZJONI QASIRA

Colli Maceratesi Bianco Passito [abjad magħmul mill-għeneb imqadded]: Dehra viżiva: isfar lewn it-tiben, jagħti fl-ambra, b'intensità li tvarja; Riħa: tipika tal-għeneb imqadded, dinamika, intensa;

Togħma: xotta, armonjuża, bellusija; Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 15,50 %;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 24 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: 4,00 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): 25

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

3. *Colli Maceratesi Bianco Spumante*

DESKRIZZJONI QASIRA

Colli Maceratesi Bianco Spumante [abjad frizzanti]: Bżieżaq: fini u dejjiema; Dehra viżiva: isfar ċar lewn it-tiben; Riħa: pjaċevoli, kemxejn ta' frott;

Togħma: xotta, pjaċevolment aċiduża;

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,00 %;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 14 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: 5,00 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

4. *Colli Maceratesi Ribona*

DESKRIZZJONI QASIRA

Colli Maceratesi Ribona: Dehra viżiva: isfar lewn it-tiben bi sfumaturi dehbiena; Riħa: distintiva, pjaċevoli; Togħma: xotta, bnina, armonjuża;

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,00 %;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 16 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: 4,50 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

5. *Colli Maceratesi Ribona Passito*

DESKRIZZJONI QASIRA

Colli Maceratesi Ribona Passito [magħmul mill-għeneb imqadded]: Dehra viżiva: isfar lewn it-tiben, jagħti fl-ambra, b'intensità li tvarja; Riħa: tipika tal-għeneb imqadded, dinamika, intensa;

Togħma: xotta, armonjuża, bellusija;

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 15,50 %;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 26 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: 4,00 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): 25

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

6. *Colli Maceratesi Ribona Spumante*

DESKRIZZJONI QASIRA

Colli Maceratesi Ribona Spumante [frizzanti]: Bżieżaq: fini u dejjiema; Dehra viżiva: isfar ċar lewn it-tiben; Riħa: pjaċevoli, kemxejn ta' frott;

Togħma: minn dożaġġ żero għal brut, pjaċevolment qarsa;

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,00 %;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 14 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: 5,00 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

7. *Colli Maceratesi Ribona Riserva*

DESKRIZZJONI QASIRA

Colli Maceratesi Ribona Riserva [riserva]: Dehra viżiva: isfar lewn it-tiben b'intensità li tvarja; Riħa: fina u delikata; Togħma: xotta, friska, bnina, b'palat medju, b'naqal kemxejn morr;

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 12,00 %;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 22 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: 4,00

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

8. *Colli Maceratesi Ribona Riserva Spumante*

DESKRIZZJONI QASIRA

Colli Maceratesi Ribona Riserva Spumante [riserva frizzanti] Bżieżaq: fini u dejjiema; Dehra viżiva: isfar lewn it-tiben b'intensità li tvarja; Riħa: fina u delikata;

Togħma: minn dożaġġ żero għal brut, friska, bnina, b'palat medju, b'naqal kemxejn morr;

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 12 %;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 21 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: 5,00

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

9. *Colli Maceratesi Rosso*

DESKRIZZJONI QASIRA

Colli Maceratesi Rosso [aħmar]: Dehra viżiva: aħmar lewn ir-rubini; Riħa: distintiva, intensa; Togħma: xotta, armonjuża;

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,50 %;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 18 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: 4,50 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

10. *Colli Maceratesi Rosso Riserva*

DESKRIZZJONI QASIRA

"Colli Maceratesi" Rosso Riserva [aħmar riserva]:

Dehra viżiva: aħmar lewn ir-rubini, li xi kultant ikollu t-tendenza li jagħti fil-granata maż-żmien; Riħa: pjaċevoli, kumplessa, kemxejn dinamika; Togħma: bnina, armonjuża, pjaċevolment xotta;

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 12,50 %;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 21 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: 4,50 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

11. *Colli Maceratesi Sangiovese*

DESKRIZZJONI QASIRA

Colli Maceratesi Sangiovese: Dehra viżiva: aħmar lewn ir-rubini; Riħa: distintiva, intensa; Togħma: xotta, armonjuża;

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,50 %;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 18 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: 4,50 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

5. Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

—

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1. Colli Maceratesi Bianco, Colli Maceratesi Bianco Spumante, Colli Maceratesi Bianco Passito, Colli Maceratesi Ribona, Colli Maceratesi Ribona Spumante, Colli Maceratesi Ribona Passito, Colli Maceratesi Rosso, Colli Maceratesi Sangiovese

13 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

2. Colli Maceratesi Ribona Riserva Spumante

12 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

3. Colli Maceratesi Rosso Riserva, Colli Maceratesi Ribona Riserva

10 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

6. Definizzjoni taż-żona demarkata

Iż-żona fejn jitkabbar l-għeneb użat għall-produzzjoni tal-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta Colli Maceratesi tinkludi l-provinċja kollha ta' Macerata u l-muniċipalità ta' Loreto fil-provinċja ta' Ancona.

7. Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed

Cabernet Franc N. - Cabernet

Cabernet Sauvignon N. - Cabernet

Chardonnay B.

Ciliegiolo N. - Morettone

Grechetto B.

Incrocio Bruni 54 B.

Lacrima N.

Maceratino B. - Ribona

Malvasia Bianca Lunga B. - Malvoisier

Merlot N.

Montepulciano N.

Pecorino B. - Vissanello

Sangiovese N. - Sangioveto

Sauvignon B. - Sauvignon Blanc

Trebbiano Toscano B. - Procanico

Verdicchio Bianco B. - Trebbiano di Soave B.

Vernaccia Nera N. - Vernaccia

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Colli Maceratesi

Kemm il-kultivazzjoni tad-dwieli kif ukoll il-produzzjoni tal-inbid ilhom jitwettqu għal diversi sekli fiż-żona tal-produzzjoni tal-inbejjed tad-DOP Colli Maceratesi.

Il-fatturi umani influwenzaw l-għażla tal-varjetajiet tal-għeneb u l-iżvilupp ta' tekniki tal-kultivazzjoni u tal-produzzjoni tal-inbid, li qed jittejbu b'mod kostanti. L-inbejjed frizzanti ilhom jiġu prodotti fiż-żona ta' Colli Maceratesi, kif indikat minn diversi testi antiki. Il-produzzjoni tal-inbejjed Passito hija antika u ddokumentata sew. Il-klima u n-natura tal-ħamrija, flimkien mal-attività tal-bniedem, jagħtu lill-inbejjed Colli Maceratesi l-karatteristiċi uniċi tagħhom.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Referenza għat-terminu "Vigna"

Qafas legali:

Il-leġiżlazzjoni tal-UE

Tip ta' rekwiżit ieħor:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

Fit-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-inbejjed Colli Maceratesi, jista' jintuża t-terminu "Vigna", dment li jkun segwit mill-isem tal-post jew l-isem tradizzjonali rilevanti, li jintużaw kontenituri separati għall-produzzjoni tal-inbid u għall-ħżin u li dan it-terminu jiġi inkluż kemm fir-rapport tal-produzzjoni tal-għeneb kif ukoll fir-rekords u jidher fil-lista reġjonali xierqa skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

Barra minn hekk, f'konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ, jista' jintuża l-isem ġeografiku usa' "Marche" fit-tikkettar u fil-preżentazzjoni tal-inbejjed, dment li dan l-isem ikun separat mill-isem ġeografiku tad-denominazzjoni u mit-terminu "DOC".

It-terminu “Marche” jrid jidher fl-istess karattri kbar u/jew żgħar bħal dawk użati għall-kliem Colli Maceratesi u l-għoli tal-karattri ma jridx ikun akbar mill-għoli tal-kliem Colli Maceratesi. Id-dettalji kollha elenkati fl-ewwel paragrafu għandhom ikunu fuq sfond uniformi.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/22240